MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 149/2009

**Joseph Grixti**

**Vs**

**Anthony Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Joseph Grixti fit-22 ta’ April 2009 permezz ta’ liema jitlob li Anthony Vassallo jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ sitt elef u sitta u hamsin Euro (€6,056) rapprezentanti somma minnu mislufa lilu, flimkien mas-somma ta’ elfejn mija disgha u disghin Euro (€2,199) rapprezentanti imghax bit-tmienja fil-mija (8%) skond il-Ligi dekoribbli mis-16 ta’ April 1996, komplessivament ammontanti ghal tmint elef mitejn hamsa u hamsin Euro (€8,255); bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Frar 2009, kontra Anthony Vassallo;

Rat ir-Risposta ta' Anthony Vassallo permezz ta' liema fl-ewwel lok jikkontendi li ismu ma huwiex "Toni" izda "Anthony" u jopponi ghat-talba attrici u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) huwa ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur; (ii) it-talba attrici hija preskritta; u li (iii) ma ghandu jaghti xejn lill-attur;

Rat li b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, b'Digriet datat 16 ta' Frar 2010 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni f'isem il-konvenut fis-sens illi kull fejn fl-atti jidher l-isem "Toni" dan minflok jidher bhala "Anthony" u rat illi dakinhar tas-16 ta' Frar 2010 il-konvenut ta ruhu b'notifikat fir-Rikors kif korrett u ddikkjara li jzomm fermi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati kontra t-talba ta' l-attur;

Rat in-Nota pprezentata mill-konvenut fil-25 ta' Frar 2010 permezz ta' liema iddikkjara li b'referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, it-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2010[1] u semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011[2] u rat id-dokumenti esebiti mill-attur waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "JG1" sa' Dok. "JG4" a fol. 17 sa' 22 tal-process, rat id-dokument esebit mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2011 markat Dok. "A" a fol. 27 u 28 tal-process;

Rat il-Kapitolu pprezentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut fl-4 ta' Gunju 2012;

Rat li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2012 id-difensur ta' l-attur talbet li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza kemm fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll fil-meritu u dana billi l-konvenut ripetutament naqas milli jidher ghall-kawza u kjarament jidher li ma ghandux interess fiha;

[1] Fol. 15 tal-process.
[2] Fol. 23 u 24 tal-process.

Rat li fl-4 ta’ Gunju 2012 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza, in difett ta’ ostakolu, kemm fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll fuq il-meritu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma komplessiva ta’ €8,255, in kwantu ghal €6,056 rapprezentanti somma minnu mislufa lill-konvenut u in kwantu ghal €2,199 rapprezentanti imghax legali bir-rata ta’ 8% fuq is-somma mislufa dekoribbli mis-16 ta’ April 1996. Il-konvenut jilqa’ ghat-talba attrici b’diversi eccezzjonijiet, senjatament illi (i) ismu ma huwiex “Toni” izda “Anthony”; (ii) li ma ghandux relazzjoni guridika ma’ l-attur; (iii) li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta’ hames snin ai termini ta’ l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li (iv) ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

B’Digriet moghti fis-16 ta’ Frar 2010 il-Qorti ordnat korrezzjoni f’isem il-konvenut kull fejn jidher fl-atti fis-sens illi ismu jigi indikat bhala “Anthony” minflok “Toni”. B’dan id-Digriet ghalhekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u ma hemmx lok li l-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha issa tigi kkunsidrata fid-dawl tar-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Gunju 2012 l-attur talab lill-Qorti biex taghti decizjoni wahda kemm dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll dwar il-meritu u dana fid-dawl tan-nuqqas ta’ interess tal-konvenut f’dawn il-proceduri li, ripetutament naqas milli jidher ghas-seduti ffissati mill-Qorti. Dakinhar il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza kemm dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll dwar il-meritu u dana in difett ta’ ostakolu. Mill-4 ta’ Gunju 2012 ‘l hawn ma giet avvanzata ebda talba da parte tal-konvenut ghar-revoka *contrario imperio* jew ghall-varjazzjoni ta’ l-imsemmi Digriet u kif gustament osservat mill-attur il-konvenut ripetutament naqas milli jidher ghas-seduti

ffissati mill-Qorti, sinjal dan ta' nuqqas ta' interess tal-konvenut f'dawn il-proceduri. L-ahhar darba li l-konvenut deher ghall-kawza in ezami kien fit-13 ta' Jannar 2011 u fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 id-difensur tieghu ddikjara li konvenut ma kienx kellmu u ma tah ebda informazzjoni fuq il-kawza in ezami. Ta' min jghid ukoll li l-konvenut lanqas ma deher biex jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront tieghu mill-attur fl-4 ta' Gunju 2012.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 201 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skont il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher,* il-Qorti ser tghaddi biex taghti sentenza wahda li tittratta l-kwistjonijiet kollha pertinenti ghall-kaz in ezami, inkluz ghalhekk il-mertu tal-kaz.

L-ewwel zewg eccezzjonijiet li ghandhom jigu trattati huma bla dubju ta' xejn it-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenut u cioè l-eccezzjoni li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u l-eccezzjoni li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm il-konvenut jeccepixxi li ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur, meta xehed waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2010[3] huwa kkonferma li diversi snin qabel, madwar erbatax jew hmistax-il sena, kien issellef somma flus minghand l-attur. Iddikjara wkoll li kien effettwa diversi pagamenti versu l-ammont misluf izda ma seta' qatt jaqta' dan id-dejn ghaliex l-imghax li kien qed izommlu l-attur allegatament kien b'uzura. F'tali rigward in effetti huwa xehed illi *jiena lill-attur nafu u ilni nafu madwar erbatax jew hmistax-il sena. Is-somma li qed jitlob l-attur f'dan l-avviz mhijiex dovuta minni u dana ghas-segwenti raguni. Huwa minnu li xi erbatax jew hmistax-il sena ilu*

[3] Fol. 15 tal-process.

*kont issellift flus minghand l-attur u dana fis-somma ta' Lm1,400. Jiena din is-somma kont issellifha fi tliet pagamenti. Kont ghamilt pagamenti lura lill-istess attur izda huwa dejjem ried izjed billi l-imghax dejjem kien tiela'. Fil-fatt jiena f'certu punt kont anki mort ghand il-Caritas u kellimthom u rrappurtajtu lil din l-istess Caritas minhabba kwistjoni ta' frodi. Jiena naf li kellmuh izda x'kien l-ezitu ta' dan ma nafx. Minix ezatt kemm kien izommli imghax fuq l-ammont li kont nissellef minghandu u ghar-raguni nerga' nghid li huwa kien jikteb fuq karta u jiena la naf nikteb u lanqas naqra però naf fic-cert li l-imghax li kien qed jitlobni kien b'uzura. Jiena m'ghandix dokumentazzjoni ta' dak li qed nghid izda qed nixhed minn dak li niftakar u mill-memorja. Jiena l-ahhar pagament li kont ghamilt lill-konvenut kien madwar seba' snin ilu*.

Minn din ix-xhieda johrog b'car li l-eccezzjoni tal-konvenut li ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur ma tistax tigi milqugha u dana billi ghalkemm jaghti ir-ragunijiet ghalfejn skontu illum ma ghandu jaghti xejn lill-attur – ossia l-preskrizzjoni tat-talba attrici u fi kwalunkwe kaz l-allegata uzura da parte ta' l-attur – meta huwa stess jikkonferma li kien issellef il-flus minghand l-attur, zgur ma jistax jinghad li bejniethom ma hemmx relazzjoni guridika.

Apparte dak li jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut, l-attur esebixxa dikjarazzjoni iffirmata mill-konvenut – liema dikjarazzjoni ma gietx kontradetta mill-istess konvenut – minn liema jirrizulta li fis-16 ta' April 1996 il-konvenut ha b'self minghand l-attur is-somma ta' Lm2,600, illum ekwivalenti ghal €6,056.37, bl-imghax skond kif miftiehem bejniethom, liema somma kellha tithallas ftit ftit jew f'daqqa skond il-kaz[4]. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni ghalhekk altru milli l-konvenut ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur u ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni sollevata minnu ghandha tigi michuda,

Trattata t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut jehtieg issa tigi trattata t-tielet eccezzjoni sollevata minnu, u cioè l-eccezzjoni li t-talba attrici hi preskritta bid-dekors ta'

[4] Dok. "JG1" a fol. 17 tal-process.

hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li appuntu jittratta dwar azzjonijiet ghar-radd ta’ flus moghtija b’slef, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut kien issellef is-somma ta’ Lm2,600, ekwivalenti ghal €6,056.37, minghand l-attur fis-16 ta’ April 1996. Dan is-self ma kienx sar permezz ta’ att pubbliku izda kullma hemm hija dikjarazzjoni datata 16 ta’ April 1996 iffirmata mill-konvenut esebita mill-attur bhala Dok. “JG1” a fol. 17 tal-process. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk it-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli ghat-talba attrici huwa bhala fatt dak ta’ hames snin kontemplat fl-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 2010[5] il-konvenut iddikjara li huwa kien issellef xi flus minghand l-attur madwar erbatax jew hmistax-il sena qabel u li l-ahhar pagament li huwa kien effettwa lill-attur kien ghamlu madwar seba’ snin qabel id-data tas-seduta, b’hekk ferm qabel it-terminu ta’ hames snin previst fil-Ligi. Mill-provi prodotti mill-attur – liema provi ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut – jirrizulta però li dak allegat mill-konvenut ma huwiex minnu u li bhala fatt it-talba tieghu ghall-hlas kontra l-konvenut ma hijiex preskritta.

Mid-dokumenti Dok. “JG2” esebit mill-attur a fol. 18 sa’ 20 tal-process u Dok. "JG4" a fol. 22 tal-process jirrizulta li matul is-snin il-konvenut effettwa diversi pagamenti akkont lill-attur, bl-ewwel pagament ta’ Lm100 f’Ottubru 2001 u bl-ahhar pagament ta’ €500, ekwivalenti ghal Lm214.65, fid-29 ta' Awwissu 2008, ossia ftit xhur qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni. Ghalkemm l-ewwel pagament akkont gie effettwat <u>wara</u> li kienu ghaddew hames snin mid-data tas-self, b’tali hlas akkont il-konvenut gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni li kienet lahqghet iddekorriet u t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta rega’ beda jiddekorri mill-gdid.

---

[5] Fol. 15 tal-process.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi decizjonijiet pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela v. Francis Cassar et noe, Citaz. Nru. 1733/92** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002, fejn appuntu gie osservat illi *mhix korretta s-sottomissjoni illi perijodu preskrittiv li jkun skada ma jistax jigi interrott wara tali skadenza. L-istat tad-dritt hu proprju kontra. Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gjà kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghall-istess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid (Vol. XLVIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (Gargani v. Sant, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gjà iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perijodu preskrittiv gjà akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544).*

Kif già osservat, wara l-hlas akkont effettwat f'Ottubru 2001 jirrizulta li gew effettwati diversi pagamenti ohra, senjatament:

- pagament ta' Lm100 f'Novembru 2001;
- pagament/pagamenti ammontanti ghal Lm520 sa' l-1 ta' April 2004;
- pagament/pagamenti ammontanti ghal Lm160 sas-16 ta' April 2005;
- pagament/pagamenti ammontanti ghal Lm590 sas-16 ta' April 2006;
- pagament/pagamenti ammontanti ghal Lm440 sas-16 ta' April 2007;
- pagament ammontanti ghal Lm350 fit-3 ta' Awwissu 2007;
- pagament ammontanti ghal Lm150 fl-4 ta' Ottubru 2007;
- pagament ta' Lm100 fil-21 ta' Novembru 2007;

- pagament ammontanti ghal Lm50 fis-7 ta' Dicembru 2007;
- pagament ta' Lm128.78 (€300) fit-3 ta' Marzu 2008;
- pagament ammontanti ghal Lm171.72 (€400) fl-4 ta' April 2008; u
- pagament ammontanti ghal Lm214.65 (€500) fid-29 ta' Awwissu 2008.

Bejn kull wiehed minn dawn il-hlasijiet akkont qatt ma lahaq iddekorra u ghalaq it-terminu ta' hames snin previst fil-Ligi u b'kull wiehed minn dawn il-pagamenti t-terminu ta' preskrizzjoni kien qed jigi interrott u jerga' jibda jiddekorri mill-gdid, u dana ai termini ta' dak provdut fl-Artikoli 2134 u 2136 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih* u *meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi. Izda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid*.

Fid-dawl ta' dak provdut fil-precitat Artikolu 2134 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jehtieg ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm il-hlasijiet ta' €300 u ta' €500 effettwati f'Marzu u Awwissu ta' l-2008 gew effettwati permezz ta' *cheques* ta' terzi persuni u mhux tal-konvenut, dawn il-hlasijiet xorta wahda wasslu ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u dana billi kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri noe v. Anthony Scicluna pro et noe, Citaz. Nru. 1865/96** deciza fit-28 ta' Jannar 2004, min jargumenta mod iehor ikun qed *jinsa dak dispost fl-Artikolu 1148(2) tal-Kodici Civili fir-rigward ta' hlas li jsir minn terza persuna biex tissodisfa d-debitu ta' min hu obbligat ghal hlas. (Ara Kollez. Vol. XLIX PII p 681). Konsegwentement dak ic-cheque mahrug mill-kumpanija* [it-terza persuna f'dawk il-proceduri] *biex jissodisfa wkoll dik il-parti tal-kreditu dovuta minnu personalment ghandha wkoll titqies bhala rikonoxximent u allura ta' interruzzjoni.*

L-azzjoni odjerna giet istitwita fit-22 ta' April 2009 u l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur fis-6 ta' Mejju 2009 u bir-Rikors promotur kif korrett fis-16 ta' Frar 2010,

b’hekk ben entro t-terminu ta’ hames snin dekoribbli mid-data ta’ l-ahhar pagament akkont, ossia minn Awwissu 2008. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

Fil-meritu l-konvenut jeccepixxi li ma ghandu jaghti xejn lill-attur. Kif già iktar ‘l fuq osservat, fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 2010[6] il-konvenut isostni din il-pretensjoni bl-allegazzjoni li l-imghax li kien qed izommlu l-attur kien bl-uzura, ossia b’rata in eccess minn dik permessa bil-Ligi. Minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment tad-dokument Dok. “JG2” esebit mill-attur jirrizulta li din il-kontestazzjoni tal-konvenut hija ghal kollox infondata stante li ma tirrizulta ebda uzura da parte ta’ l-attur fil-konfront tieghu. Li jirrizulta però, u dan il-fatt necessarjament ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri, hu li l-attur kien qed jikkalkula imghax fuq l-imghax, haga li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz partikolari ma hijiex legalment permessa.

Mid-dokument Dok. “JG1” a fol. 17 tal-process jirrizulta li s-self tas-somma ta’ Lm2,600, illum ekwivalenti ghal €6,056.37, kien jikkontempla wkoll il-hlas ta’ imghax. In effetti fl-imsemmi dokument hemm espressament iddikjarat *b’imghax miftiehem bejn it-tnejn*. Mid-dokument Dok. “JG2” a fol. 18 sa’ 20 tal-process jirrizulta li l-attur ikkalkula imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena, ir-rata ta’ imghax legali ai termini ta’ l-Artikolu 1139 u ta’ l-Artikolu 1852 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta li rispettivament jipprovdu li: *bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta’ somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta’ l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena* u li *l-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena*. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut ma kien hemm ebda uzura da parte ta' l-attur.

---

6 Fol. 15 tal-process.

Ghalkemm l-attur ma zammx imghax b'rata in eccess minn dik permessa fil-Ligi, mill-imsemmi dokument Dok. "JG2" jirrizulta b'mod car però li matul is-snin huwa ikkalkula imghax fuq l-imghax. L-imposizzjoni ta' imghaxijiet fuq l-imghaxijiet hija espressament regolata bl-Artikolu 1142 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *l-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli qabel dan, minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena* u fil-kuntest ta' self ossia *mutwu* hija espressament regolata bl-Artikolu 1850 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *hu lecitu l-ftehim ghall-imghaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew hwejjeg ohra mobbli. Jistghu wkoll jitbiddlu f'kapital gdid, b'imghax, l-imghaxijiet maghluqa, basta li dawn l-imghaxijiet ma jkollhomx jinghataw ghal zmien ta' anqas minn sena. Kull ftehim iehor ta' imghaxijiet fuq imghaxijiet, ma jiswiex*.

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li fl-1996/1997 u matul is-snin sussegwenti l-attur ghamel talba giudizzjarja fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tas-somma mislufa flimkien ma' l-imghax li lahaq iddekorra b'dana li skatta l-provvediment enuncjat fl-Artikolu 1142 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ma jirrizulta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet kontendenti – la originarjament u lanqas in segwitu – li kellu jigi kkalkulat imghax fuq l-imghax. Ghalhekk l-attur ma kienx legalment korrett u gustifikat f'li jikkalkula imghax fuq l-imghax li kien qed jiddekorri bejn pagament u iehor, izda seta' u bhala fatt kellu biss jikkalkula l-imghax li kien qed jiddekorri fuq l-ammont misluf minn sena ghall-ohra u ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 1169 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-pagamenti li kien jircievi kellu l-ewwel inaqqas l-imghax u r-rimanenti bilanc, qual' volta li kien jifdal tali bilanc, kellu jmur versu l-hlas tal-kapital.

Dana kollu ghalhekk iwassal ghal revizjoni ta' l-ammont pretiz mill-attur minghand il-konvenut stante li l-pretensjoni tieghu hija kjarament ibbazata fuq il-kalkoli li jidhru fid-

dokument Dok. "JG2" a fol. 18 sa' 20 tal-process li jinkludu l-imposizzjoni ta' imghax fuq l-imghax. Meta l-kalkoli ta' l-ammonti dovuti versu l-pagamenti effettwati jigu kalkolati skond kif tipprovdi il-Ligi ossia, minghajr ma jigi ikkalkulat imghax fuq l-imghax u bid-debita allokazzjoni tal-hlasijiet, jirrizulta li sad-data tal-prezentata tar-Rikors promotur il-konvenut kien ghadu debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm2,098.15, illum ekwivalenti ghal €4,887.37[7], bhala bilanc mis-somma mislufa u s-somma ta' Lm109.40, illum ekwivalenti ghal €254.85, rapprezentanti l-imghax fuq tali bilanc kalkolat mit-30 ta' Awwissu 2008 sat-22 ta' April 2009, ossia d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li t-talba ta' l-attur tisthoqq li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' €4,887.37 bhala bilanc mis-somma mislufa u ghas-somma ta' €254.84 bhala imghax fuq tali bilanc, kalkolat mit-30 ta' Awwissu 2008 sat-22 ta' April 2009, komplessivament ammontanti ghal €5,142.21, b'dana naturalment li l-imghax legali fuq is-somma ta' €4,887.37 jibqa' jiddekorri sakemm isir il-hlas effettiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjnijiet tieghu u tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €4,887.37 bhala bilanc mis-somma mislufa mill-attur lill-konvenut, u ghas-somma ta' €254.84 bhala imghax fuq tali bilanc kalkolat mit-30 ta' Awwissu 2008 sat-22 ta' April 2009, komplessivament ammontanti ghal €5,142.21, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont komplessiv ta' €5,142.21, bl-imghax ulterjuri fuq is-somma ta' €4,887.31 dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

[7] Total ta' hlasijiet effettwati mill-konvenut [Lm3075.15] – Imghax li ddekorra fuq medda ta' 12-il sena, erba' xhur u erbaghatx-il-gurnata (16.04.1996 sad-29.08.08) [2,573.30] = Lm501.85 – Lm2,600 [soma mislufa] = Lm2,098.15, ekwivalenti ghal €4,887.37.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/3 mill-attur u in kwantu ghal 2/3 mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------